**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Marzu, 2002**

Citazzjoni Numru: **219/02TM**

Numru**: 5**

**Leone u Patrizia Cachia**

vs

**Gordon u Cheryle Ogilvie**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ppremettew illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' sitt t'elef u mitejn u hamsin lira Maltija (LM6,250) rapprezentanti ammont misluf u debitament ikkonsenja lill-konvenuti mill-atturi, skond kif jirrizulta minn skrittura datata 30 ta' Dicembru, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A.

Ippremettew illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu, u dana anke permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 30 ta' Ottubru, 2001 u

12 ta' Novembru, 2001, il-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti;

Ippremettew illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess atturi jikkonfermaw fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom, u li fil-fehma ta' l-atturi, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu;

Talbu biex ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt t'elef u mitejn u hamsin lira Maltija (LM6,250) rapprezentanti ammont misluf u debitament ikkonsenjat lill-konvenuti mill-atturi.

Bl-interessi dekorabbli mill-15 ta' April, 2000 skond kif jirrizulta mill-imsemmija skrittura datata 30 ta' Dicembru, 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittri uficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat konteswalment ma' din ic-citazzjoni.

Il-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw in-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**